MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 100/2003

**Carmel Cuschieri ezercenti l-professjoni taht l-isem Camilleri & Cuschieri**

**Vs**

**Petroil Engineering and Construction Co Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita' tieghu premessa ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mija u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm3160.66) dovuta mis-socjeta' konvenuta bhala drittijiet professjonali ghal servizzi forniti lis-socjeta' konvenuta mill-attur u spejjez inkorsi minnu.

Bl-imghax dekorribbli mill-5 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv (liema imghax sal-15 ta' Novembru, 2002 kien jammonta ghal Lm706.53) u bl-ispejjez komprizi

dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 324/03 fl-istess ismijiet premessi mahrug fl-11 ta' Frar 2003.

Is-socjeta' konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fiz-17 ta' Marzu 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' Lm3160.66,0 bl-imghax legali li sal-15 ta' Novembru 2002 kien jammonta ghal Lm706.53,0 u b'dak ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 324/03 mahrug fil-11 ta' Frar 2003.

--------------------------------TMIEM--------------------------------